



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 12.10.2006
KUMM(2006) 571 finali

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Il-ġejjieni demografiku ta' l-Ewropa, il-bidla ta' sfida f'opportunità

Werrej

1.	Ix-xjuħija demografika fl-Ewropa: tendenzi u prospettivi	3
2.	L-impatt tax-xjuħija tal-popolazzjoni	5
2.1.	L-impatt fuq is-suq tax-xogħol, il-produttività u t-tkabbir ekonomiku.....	5
2.2.	L-impatt fuq il-ħarsien soċjali u l-finanzi pubbliċi	6
3.	Tweġiba kostruttiva għall-isfida demografika	7
3.1.	Ewropa li tiffavorixxi t-tiġdid demografiku.....	7
3.2.	Ewropa li tagħti valur lix-xogħol aktar impjeggi u ħajja attiva itwal u ta' kwalità	8
3.3.	Ewropa aktar produttiva u li għandha aktar suċċess	10
3.4.	Ewropa organizzata biex tirċievi u tintegra lill-immigranti.....	11
3.5.	Ewropa għall-finanzi pubbliċi vijabbli; garanzija ta' ħarsien soċjali xieraq u ta' l-ekwità bejn il-ġenerazzjonijiet	12
4.	Konklużjoni: Il-bidla ta' sfida f'opportunità.....	13
5.	APPENDIX: Main European Demographic Trends and Data.....	15
	Projections – EU25.....	15
	Projections by country.....	16
	Employment rate of older workers.....	17
	Fertility and female employment rates.....	18
	Net migration rate vs. natural population growth	19

1. 1.IX-XJUĦIJA DEMOGRAFIKA FL-EWROPA: TENDENZI U PERSPETTIVI

Ix-xjuħija tal-popolazzjoni, jiġifieri iż-żieda tal-persuni anzjani hi qabel kollox ir-riżultat tal-progress ekonomiku, soċjali u mediċinali konsiderevoli li joffri lill-Ewropej l-opportunità li jgħixu aktar f'kumdità u f'sigurtà għall-ewwel darba fl-istorja tagħhom. Iżda, kif diġà nsaħaq mill-kapijiet ta' l-Istat u l-gvernijiet fis-Samit f'Hampton Court f'Ottubru 2005, hi wkoll waħda mill-isfidi l-aktar importanti li l-Unjoni Ewropea għandha tħabbat wiċċha magħhom tul is-snin li ġejjin.

Din il-komunikazzjoni tirispondi għat-tħassib espress tul dan is-Samit u li jħossu bosta miċ-ċittadini. Tikkostitwixxi segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-Kunsill Ewropew imsejjaħ "Il-valuri Ewropej fl-epoka tal-globalizzazzjoni" u għall-*Green Paper* tal-Kummissjoni intitolata "Quddiem il-bidliet demografiki – solidarjetà ġdida bejn il-ġenerazzjonijiet"¹. Hi teżamina kif l-Ewropej jistgħu jgħibu ruħhom quddiem sfida demografika billi jissejsu fuq l-istrateġija ta' Liżbona mġedda għat-ktabbir u l-impjegi u l-istrateġija ta' l-iżvilupp sostenibbli. Speċifikament tenfasizza kif l-Unjoni tista' ssostni lill-Istati Membri tagħha fi strateġija fuq medda ta' żmien twila li l-implimentazzjoni tagħha sseħħ fil-parti l-kbira permezz tar-rieda u l-ħiliet tagħhom. Biex tagħmel dan, hija ddawwal il-fatti ewlenin, tivvaluta l-impatti kumplessi, u tidentifika l-mogħdijiet ewlenin għall-azzjoni kemm nazjonali, reġjonali u lokali kif ukoll Ewropea. Hija tikkonkludi li x-xjuħija tal-popolazzjoni hi sfida li nistgħu negħbu jekk noħolqu kondizzjonijiet favorevoli ta' appoġġ addattat għal dawk li jridu jkollhom it-tfal u jekk nieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet offruti minn haġġiet itwal, aktar produttivi u f'saħħa aħjar.

Ix-xjuħija tal-popolazzjoni ta' l-UE hi r-riżultat ta' tliet tendenzi demografiki li jaġixxu b'mod interattiv. Madankollu, il-kobor u r-ritmu tagħhom jista' jvarja bil-kbir minn pajjiż għall-ieħor. Dan iwassal għat-twarrib ta' kull tweġiba uniformi. Fi ftit kliem:

- In-numru medju ta' tfal għal kull mara (ir-rata ta' twelid marbuta mal-qagħda ekonomika preżenti hija baxxa b'livell ta' 1.5 trabi għall-UE25, ħafna inqas mir-rata ta' bidla ta' 2.1 meħtieġa sabiex jiġi stabbilit id-daqs tal-popolazzjoni f'nuqqas ta' immigrazzjoni. Żieda limitata għal 1.6 hi maħsuba għall-UE25 sa l-2030².
- In-nuqqas tal-fertilità fl-għexieren ta' snin riċenti seħħ wara l-*baby-boom* ta' wara l-gwerra li illum wassal għal żieda tal-popolazzjoni ta' bejn il-45 u l-65 sena. Il-passaġġ progressiv tal-*baby-boomers* għall-età tal-pensjoni se jwassal għal żieda sostanzjali tal-persuni anzjani li għandhom jiġu sostnuti finanzjarjament minn popolazzjoni mnaqqsa ta' nies bl-età li jaħdmu. Dan il-fenomeno hu mistenni jispiċċa, iżda mhux qabel jgħaddu bosta għexieren ta' snin.
- Wara żieda ta' 8 snin mill-1960 'l hawn, il-medja ta' l-għomor tal-ħajja fit-twelid tista' tissokta tiżdied b'5 snin oħra sa l-2050, jew saħansitra aktar. L-akbar parti mbassra li tgawdi hija dik tan-nies bl-akbar etajiet. B'hekk, l-Ewropej li jilħqu l-età ta' 65 sena fl-2050 ikunu assigurata li jgħixu mill-inqas bejn erba' u ħames snin aktar min-nies li jagħlqu

¹ COM (2005)525 tat-3.11.2005 u COM(2005)94 tas-16.3.2005, rispettivament.

² Ċerti demografi esprimew l-ipoteżi li rata baxxa ħafna ta' fertilità tista' ma tinqalibx. Irreferi għal "L-ipoteżi tan-nasba tal-fertilità baxxa: forzi li jistgħu jwasslu għal aktar posponiment u anqas twelid fl-Ewropa" minn Lutz, Skirbekk u Testa, karta ta' riċerka Nru 4 2005 ta' l-Istitut tad-Demografija ta' Vjenna.

l-65 sena illum. Dan se jwassal għal żieda spettakolari tan-numru ta' persuni li jgħixu sa l-età ta' 80 u 90 sena, li jwassal għall-fatt li bosta minnhom jgħaddu bosta għexieren ta' snin fuq il-pensjoni u jilhq u tajiet fejn il-fraġilità u l-inkapaċità jkunu spissi, anke jekk il-proporzjon tal-persuni f'saħħa ħażina f'din il-klassi ta' età jista' jonqos..

- L-Ewropa tilqa' diġà flussi importanti ta' migrazzjoni netta, li ġejjin minn pajjiżi terzi. Fl-2004, l-UE rreġistrat 1.8 miljun immigrant jġifieri fluss ogħla minn dak fl-Istati Uniti fi proporzjoni għall-popolazzjoni totali. L-UE se tibqa' bi żgur destinazzjoni sinifikanti għal migranti fl-għexieren ta' snin li jmiss. F'qagħda ta' bażi prudenti, l-Eurostat ibassar li madwar 40 miljun persuna se temigra lejn l-Unjoni Ewropea sa l-2050. Peress li bosta jkunu f'età li jistgħu jaħdmu, il-migranti għandhom tendenza li jrendu l-popolazzjoni aktar żagħżuġha. Ir-riperkussjonijiet fil-medda ta' żmien twila jibqgħu madankollu inċerti, peress li jiddependu min-natura f'it jew wisq limitata tal-politiki ta' l-għaqda mill-ġdid tal-familja u ta' l-imġiba ta' twelid tal-migranti. Minkejja l-livelli tal-flussi bħalissa, l-immigrazzjoni tista' biss tpatti parzjalment għall-effetti tal-fertilità baxxa u ż-żieda fil-medja ta' l-għomor tal-ħajja fuq it-tqassim skond l-età tal-popolazzjoni Ewropea.

Minħabba dawn it-tendenzi, il-popolazzjoni totali fl-UE25 se tonqos kemm kemm, iżda ser issir ħafna ixjeħ. Fuq livell ekonomiku, il-bidla ewlenija tikkonċerna l-popolazzjoni li tinsab f'età li taħdem (bejn il-15 u l-64 sena), li tonqos bi 48 miljun sa l-2050. Ir-rata ta' dipendenza (l-għadd ta' persuni ta' 65 sena u aktar, meta mqabbla ma' dawk ta' 15 sa 64 sena) għandha tirdoppja biex tilħaq il-51% sa l-2050. Dan ifisser li l-UE se tgħaddi minn erbgħa għal biss tnejn min-nies li għandhom l-età biex jaħdmu għal kull ċittadin ta' 65 sena u aktar.

L-implikazzjonijiet reġjonali u soċjali tax-xjuħija tal-popolazzjoni jġibdu l-attenzjoni wkoll. Ir-reġjuni b'popolazzjonijiet li qegħdin jonqsu u li huma magħmula prinċipalment minn anzjani, għandhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-għoti ta' beni u servizzi pubbliċi essenzjali bħas-saħħa, l-alloġġ, l-ippjanar tad-djar fil-belt, is-servizzi ta' trasport u ta' turiżmu sabiex il-bilanċi ambjentali, jirriflettu wkoll l-effetti tax-xjuħija. Il-bidla demografika twassal ukoll għal bidliet soċjali profondi li jaffettwaw il-kompożizzjoni tal-familja, li jwassal ukoll għal numru akbar ta' anzjani li jgħixu waħedhom. Iż-żieda fin-numru ta' persuni tat-tielet età u dipendenti jqajjem ukoll problemi ġodda tat-tip ekonomiku, soċjali, saħansitra etiku.

Ix-xjuħija fl-UE għandha tkun eżaminata fil-kuntest ta' l-espansjoni globali tal-popolazzjoni fid-dinja. Wara żieda tal-popolazzjoni dinjija minn 2 biljun persuna fl-1950 għal 6.5 biljuni illum, it-tbassir ta' l-NU jipprevedi li dan it-ktabbir se jissokta, iżda b'ritmu aktar bil-mod, biex tilħaq 9.1 biljuni sa l-2050. Madwar 95% taż-żieda globali tal-popolazzjoni ser iseħħ fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u l-popolazzjoni tal-50 pajjiż l-inqas żviluppat se tirdoppja. L-akbar żieda ser iseħħ fl-Afrika. Għaldaqstant, il-parti tal-25 Stat Membru ta' l-UE fil-popolazzjoni dinjija se tonqos.

Iżda l-Ewropa ma tixjiħx waħedha. Żidiet sinifikanti tar-rati ta' dipendenza ser iseħħu sa l-2050 fl-ekonomiji li qegħdin ifeġġu bħaċ-Ċina u l-Indja. Jekk il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jisfruttaw id-dividend demografiku u jintegraw liż-żgħażaġħ attivi fis-suq tax-xogħol, il-produzzjoni globali se tiżdied u se toffri opportunitajiet ta' investment siewja għall-Ewropej li qegħdin iġemmgħu għall-pensjoni. Min-naħa l-oħra, il-kumbinazzjoni tar-rata ta' twelid għolja ma' l-iżvilupp batut tista' twassal għal instabbiltà f'dawn il-pajjiżi u żżid il-persjonijiet għall-emigrazzjoni.

Il-flussi globali tal-migrazzjoni għandhom u ser ikollhom riperkussjonijiet importanti għall-pajjiżi ta' destinazzjoni u għal dawk ta' tluq. Għall-UE, l-impatt ta' l-immigranti fuq ix-xjuħija jiddependi fuq l-integrazzjoni tagħhom fl-ekonomija formali, fid-dawl li r-rata ta' impjegji ta' l-immigranti tibqa' dejjem inqas minn ta' dawk li mhumiex immigranti f'bosta Stati Membri. L-immigrazzjoni tista' tgħin biex tnaqqas temporanjament l-impatt finanzjarju tax-xjuħija meta l-immigranti legali impjegati jħallsu l-kontribuzzjonijiet fl-iskemi pubbliċi tal-pensjonijiet. Madankollu, l-immigranti attivi se jakkumulaw biż-żmien id-drittijiet tagħhom għall-pensjoni. Il-kontribuzzjoni tagħhom fil-medda ta' żmien twila b'bilanċ sostenibbli tal-finanzi pubbliċi se tiddependi għalhekk mill-preżenza ta' sistemi ta' pensjoni maħluqa sew. Għall-pajjiżi ta' oriġini, l-emigrazzjoni lejn l-UE tista' tkun ta' benefiċċju, permezz b'mod partikolari tat-tnaqqis tal-pressjonijiet fuq is-suq tax-xogħol, tat-trasferimenti ta' fondi u permezz tas-sostenn tal-migranti li jiġu lura f'pajjiżhom b'għarfien espert u b'kapital. Madankollu, l-emigrazzjoni ta' proporzjoni kbira ta' zgħażaġh mgħallma hi suxxettibbli, għal ċerti pajjiżi u setturi li toħloq "telf ta' l-aħjar imħuħ" b'effetti negattivi fuq l-ekonomija u l-perspettivi ta' żvilupp soċjali ta' pajjiżhom. F'dan il-kuntest, il-possibiltajiet offriti mill-migrazzjonijiet temporanji u l-migranti li jmorru lura lejn il-pajjiż ta' oriġini volontarjament, m'għandhomx jiġu injorati.

2. L-IMPATT TAX-XJUĦIJA TAL-POPOLAZZJONI

2.1. L-impatt fuq is-suq tax-xogħol, il-produttività u t-tkabbir ekonomiku

Fl-għexieren ta' snin li ġejjin, il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol se tibda tonqos filwaqt li numru kbir ta' *baby-boomers* jibdedw jieħdu l-pensjoni. Madankollu, bl-appoġġ tal-politiki ta' impjegji addattati, dan il-fenomeno hu suxxettibbli li jitpatta temporanjament tul l-għaxar snin li jmiss bir-rata ta' impjegji li qiegħda tiżdied. Tassir riċenti³ juri li, għalkemm il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol se tibda tonqos mill-2010, l-għadd totali ta' persuni li għandhom xogħol fl-UE25 se jissokta jikber sa l-2017. Aktar minn żewġ terzi ta' dawn il-benefiċċji se jwasslu għal rata ta' impjegji tan-nisa ogħla, in-nisa anzjani se jitteħdilhom posthom b'mod progressiv min-nisa zghażaġh aktar mgħallma u aktar involuti fil-ħajja attiva. Il-bqija jirriżulta minħabba żieda qawwija mbassra tar-rata ta' impjegji ta' ħaddiema bejn il-55 u l-64 sena. L-iżviluppi pożittivi mistennija għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-impjegji għandhom tendenza joħolqu "tieqa ta' opportunitajiet" li tippermetti implimentazzjoni ta' riformi qabel ma l-effetti tax-xjuħija jseħħu bis-sħiħ. Rati ta' impjegji ogħla ma jistgħux, madankollu, joffru waqfa proviżorja, u minħabba f'hekk, bidla demografika se tinħass fit-toqol kollu tagħha. Anke jekk l-oġġettiv tar-rata globali ta' impjegji ta' 70% fl-istrateġija ta' Liżbona jintlaħaq, in-numru totali ta' persuni li għandhom xogħol għandu jitnaqqas b'30 miljun persuna bejn l-aħħar ta' dawn l-għaxar snin u l-bidu ta' l-2050.

Ir-rata tat-tkabbir ekonomiku suppost għandu jonqos flimkien max-xjuħija tal-popolazzjoni, prinċipalment minħabba t-tnaqqis tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. It-tassir juri li r-rata medja ta' tkabbir annwali tal-PGD ta' l-UE25 se tonqos mekkanikament minn 2.4% matul il-perjodu 2004-2010 għal biss 1.2% bejn l-2030 u l-2050. Biż-żmien, l-Ewropa se jkollha tistrieħ aktar u aktar fuq il-benefiċċji tal-produttività bħala l-għajn ewlieni ta' tkabbir ekonomiku. Il-ħaddiema anzjani se jikkostitwixxu parti akbar tar-riżorsi globali ta' xogħol ta'

³ Il-Kumitat tal-Politika Ekonomika u l-Kommissjoni Ewropea (2006), "L-impatt tax-xjuħija fuq l-infiq pubbliku: tassir għall-Istati Membri ta' l-UE25 dwar il-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u t-trasferimenti tal-qgħad (2004-50)" fir-*Rapporti u Studji ta' l-Ekonomija Ewropea*, Nru 1.

l-idejn u tal-produzzjoni ekonomika. Madankollu, f' bosta pajjiżi, il-ħaddiema anzjani huma relattivament ftit impjegati minħabba użu eċċessiv ta' benefiċċji ta' qabel il-pensjoni, inċentivi finanzjarji għax-xogħol mogħtija mis-sistema fiskali u soċjali li mhumiex biżżejjed, u minħabba tmexxija ta' l-etajiet ma tantx mixtieqa fuq il-post tax-xogħol, immarkati b' mod partikolari minħabba aċċess mhux biżżejjed għat-taħriġ, u saħansitra diskriminazzjonijiet lejn il-ħaddiema anzjani.

Ħidma ta' l-idejn aktar anzjana u ħajjiet attiviti itwal m'għandhomx jimplikaw ħidma ta' l-idejn inqas produttiva. L-elementi disponibbli ma jissuġġerux li ħaddiema aktar anzjani huma bilfors inqas produttivi u inqas innovattivi. In-nuqqas ta' ħiliet fiżiċi u mentali jseħħu f' etajiet ixejeh, dan hu progressiv ħafna u suġġett għal varjazzjonijiet kbar skond l-individwu u jista' jkun limitat minn politiki preventivi għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa. Barra minn hekk, jista' jitpatta minn esperjenza akbar, permezz ta' addattamenti ta' l-organizzazzjoni tax-xogħol u permezz ta' użu aktar effiċjenti tat-teknoloġiji ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni (ICT). Barra minn hekk, il-gruppi ta' ħaddiema anzjani fil-ġejjieni se jibbenefikaw minn livell ta' taħriġ oġhla li ser inaqqas ir-riskju ta' diffużjoni aktar bil-mod tat-teknoloġiji l-ġodda li jistgħu jiġu assoċjati max-xjuħija..

Barra minn hekk, ma nistgħux nagħmluha fatta li t-tnaqqis tan-numru ta' żgħażagħ ser iħaffef l-aċċess tagħhom fis-suq tax-xogħol. Edukazzjoni u kwalifiki addattati jibqgħu essenzjali biex jiżguraw impjeg stabbli. Fil-kuntest ta' soċjetà li qiegħda tixjeh, l-għoti ta' taħriġ ta' kwalità għaż-żgħażagħ, li jwieġeb għall-bżonnijiet ta' soċjetà msejsa fuq l-għarfien, l-iżvilupp ta' taħriġ kontinwu, sabiex l-individwi jżommu l-kapital uman għandu importanza partikolari.

2.2. L-impatt fuq il-ħarsien soċjali u l-finanzi pubbliċi

Fuq il-bażi tal-politiki attwali, ix-xjuħija se twassal għal pressjonijiet sinifikanti għaż-żieda fuq l-ispejjeż pubbliċi, għalkemm hemm diversità kbira bejn il-pajjiżi. Għall-UE25, hemm tbassir ta' żieda fl-ispejjeż pubbliċi marbuta ma' l-età ta' 3 sa 4 punti tal-PGD bejn l-2004 u l-2050. Dan jirrappreżenta żieda ta' 10% ta' l-ispejjeż pubbliċi⁴. Dawn il-pressjonijiet oġhla se jinħassu mill-2010 u se jsiru partikolarment qawwija bejn l-2020 u l-2040. Huma se jikkonċernaw il-pensjonijiet, is-saħħa u s-servizzi għall-persuni anzjani.

Il-finanzi pubbliċi globali jiinsabu fir-riskju li ma jkunux jistgħu jitħallsu f' bosta pajjiżi, u minħabba f' hekk, jikkompromettu l-bilanċ fil-ġejjieni tas-sistemi tal-pensjonijiet u tal-ħarsien soċjali b' mod ġenerali. Jekk l-ispejjeż pubbliċi marbuta max-xjuħija jiżiedu, id-defiċit baġitarju jwassal għal spirali ta' dejn insupportabbli. Dawn ir-riżultati se jnaqqsu l-potenzjal tat-tkabbir ekonomiku, li se jikkomprometti t-tħaddim tal-munita waħdanija u se jeżiġu minħabba f' hekk, bidla dramatika fil-pensjonijiet u l-benefiċċji tas-saħħa, b' konsegwenzi sfavorevoli kbar għall-benessri tal-ġejjieni tal-pensjonanti u ta' dawk li jħallsu t-taxxi.

Il-posponiment tar-riformi għal aktar tard, filwaqt li jiżiedu l-ispejjeż pubbliċi marbuta mal-pensjonijiet u s-saħħa, se jirrappreżenta okkażjoni mitlufa biex jiġi żgurat li l-ġenerazzjonijiet kollha, kif ukoll il-*baby-boomers*, jikkontribwixxu għall-proċess ta' aġġustament meħtieġ.

Madankollu, il-gvernijiet fi ħdan l-UE ma baqgħux inattivi u r-riformi riċenti fis-setturi b' mod partikolari tas-sistemi pubbliċi tal-pensjoni, tas-saħħa, tas-suq tax-xogħol u ta' l-edukazzjoni bdew juru l-frott tagħhom, kif jixhdu b' mod partikolari r-rati ta' impjegi tal-ħaddiema anzjani

⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Vijabbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi fl-UE (COM(2006) 574 tat-12.10.2006).

dejjem oġhla mill-2000. Dawn ir-riformi huma maħsuba wkoll li jittrasferixxu responsabbiltajiet tal-gvernijiet u l-impriżi lejn l-individwi: iċ-ċittadini se jiġheggu jkollhom rwol aktar attiv fir-rigward kemm ta' l-ammonti mġemma' għall-pensjoni tagħhom kif ukoll ta' l-għażla taż-żmien tal-pensjoni tagħhom.

Ix-xjuħija ssarraff ukoll f'żidiet kbar ta' l-ispejjeż pubbliċi tas-saħħa u tal-kuri fit-tul, anke jekk f'dan is-settur, dan se jiddependi l-aktar mit-titjib fil-ġejjieni ta' l-istat tas-saħħa tal-persuni anzjani. Dan it-titjib se jeħtieġ b'mod partikolari addattament aħjar tas-servizzi tas-saħħa u approċċ preventiv għal dak li għandu x'jaqsam mal-mard kroniku li jista' jiffavorixxi l-użu tat-teknoloġiji l-ġodda. Jekk il-benefiċċji tal-ġejjieni għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-għomor tal-ħajja fil-biċċa l-kbira miksub f'saħħa tajba u mingħajr inkapaċitajiet, iż-żieda prevista għall-ispejjeż pubbliċi tas-saħħa u tal-kuri ta' dipendenza minħabba x-xjuħija tisfa mnaqqsa bin-nofs⁵.

3. TWEĠIBA KOSTRUTTIVA GĦALL-ISFIDA DEMOGRAFIKA

Quddiem il-kumplessità ta' l-isfidi tax-xjuħija, *strateġija globali* tidher meħtieġa. Kemm fuq livell ta' l-UE kif ukoll fuq livell nazzjonali, se jinħtieġ li l-politiki eżistenti jiġu vvalutati biex jiġu ddeterminati l-aġġustamenti eventwali, suxxetibbli li jqisu l-bidliet demografiki ta' l-UE.

Ħames tendenzi politiki ewlenin huma ppreżentati hawn isfel.

3.1. Ewropa li tiffavorixxi t-tiġdid demografiku

L-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jħabbru n-nuqqas demografiku jew jirreaġixxu għat-tnaqqis tat-twelid li jilħaq, għal ftit minnhom, stadju inkwetanti. Dawn ir-reazzjonijiet huma kemm meħtieġa kif ukoll realistiki. *Meħtieġa*, peress li l-istħarriġiet juru li fil-pajjiżi kollha ta' l-Unjoni, il-koppji jixtiequ jkollhom aktar tfal. *Realistiki*, peress li tqabbil internazzjonali jenfasizza l-effiċjenza tal-politiki mmexxija minn ċerti Stati b'konsistenza minn bosta għexieren ta' snin 'l hawn biex joħolqu kundizzjonijiet favorevoli għal dawk li jridu t-tfal.⁶

Dawn il-politiki huma bosta u varjati iżda ġeneralment għandhom tliet dimensjonijiet komuni bl-għan li i) inaqqsu l-inugwaljanzi ta' l-opportunitajiet offruti liċ-ċittadini bit-tfal jew mingħajrhom, ii) joffru aċċess universali għas-servizzi ta' għajjnuna għall-ġenituri, b'mod partikolari għall-edukazzjoni u t-trobbija tat-tfal iż-żgħar, iii) jorganizzaw il-ħin tax-xogħol biex joffru kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa possibbiltajiet ta' taħriġ kontinwu u konċiljazzjoni bejn il-ħajja privata u l-ħajja professjonali.

Barra minn hekk, l-analiżi l-aktar riċenti tat-tnaqqis tat-twelid tenfasizza l-effetti notevoli taż-żieda ta' l-età tan-nisa waqt l-ewwel twelid li hu mera ta' l-eżitazzjoni dejjem aktar tal-koppi biex ikollhom it-tfal. Dawn l-analiżi jwasslu biex jagħtu importanza dejjem ikbar lit-tnaqqis tad-dubbi li jimxu id f'id mad-daħla taż-żgħażaġħ adulti fuq is-suq tax-xogħol, u b'mod aktar

⁵ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Vijabbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi fl-UE (COM(2006) 574 tat-12.10.2006).

⁶ Irreferi pereżempju għal "Il-ġejjieni Demografiku ta' l-Ewropa – Fatti, Ċifri, Politiki: Riżultati ta' l-Istudju ta' Approvazzjoni tal-Politika tal-Popolazzjoni (PPAS) ippubblikat mill-Istitut Federali Ġermaniż tar-riċerki demografiki u l-Fondazzjoni Robert Bosch: l-Eurobarometer Nru 253 imwettaq fl-2006 li l-analiżi tar-riżultati tiegħu se jiġu ppubblikati dalwaqt.

ġenerali mat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja tagħhom. Jeħtieġ għalhekk li niġġieldu kontra d-diffikultajiet għall-aċċess għall-alloġġ, li jitħaffef l-użu ta' servizzi ta' kura tat-tfal bi prezz raġjonevoli u ta' kwalità, u b'mod aktar ġenerali li titjeb il-konċiljazzjoni bejn iż-żmien tal-ħajja ta' kuljum permezz tal-forom tax-xogħol flessibbli li jagħmlu użu mill-possibbiltajiet teknoloġiċi l-ġodda. Jeħtieġ ukoll li niġġieldu kontra l-faqar tat-tfal, fenomenu li l-kobor tiegħu jibqa' inkwetanti u jirrifletti wkoll id-deterjorazzjoni relattiva tal-qagħda tal-familji bitfal.

Is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet tista' tiġi pperikolata jekk il-piż tax-xjuħija ikollu jiġi sostnut mill-popolazzjoni ta' età żgħira, u li b'hekk tonqos fin-numru u fis-saħħa ekonomika. Soluzzjoni għaliha hi tassew prijorità tal-patt il-ġdid bejn il-ġenerazzjonijiet.

Fil-Kunsill Ewropew ta' Barċellona fl-2002, l-Istati Membri ħadu impenn ċar biex iżidu l-għoti ta' servizzi biex jieħdu ħsieb it-tfal li, sa l-2010, għandu jkun disponibbli għal mill-inqas 90 % tat-tfal bejn it-3 u s-6 snin u 33% tat-tfal iżgħar minn 3 snin. Wasal iż-żmien li jitwaqqfu dawn is-servizzi biex jieħdu ħsieb it-tfal.

Il-Kummissjoni:

se tikkonsulta l-imsieħba soċjali dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu biex titjeb il-konċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali, il-ħajja privata, u l-ħajja tal-familja ta' l-irġiel u tan-nisa sabiex jikkunsidraw aħjar il-bżonnijiet tal-familji ⁷.

se torganizza minn Ottubru 2006 l-ewwel *Forum demografiku Ewropew* li jwassal għal rapport ta' analiżi tas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-ħidmiet tal-Forum se jiġu akkompanjati minn *grupp ta' esperti governattivi* msejja li jinħalqu fi ħdan il-Kummissjoni.

3.2. Ewropa li tagħti valur lix-xogħol aktar impjeggi u ħajja attiva itwal u ta' kwalità

Iż-żieda tar-rata ta' parteċipazzjoni fl-impjeggi hi sfida ewlenija ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, diġà mżewġa minn ċertu suċċess. Ir-riformi korrispondenti tal-politiki ta' l-impjeggi, ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ għandhom għalhekk jtkabbru u jiġu segwiti wara l-2010. Jinħtieġ sforz akbar biex jitnaqqas it-tqassim f'partijiet tas-swieq tax-xogħol, sabiex tissokta ż-żieda tar-rata ta' attività feminili⁸, sabiex titjeb l-effiċjenza u l-ekwità tas-sistemi ta' edukazzjoni, sabiex jtkabbru l-ħiliet u sabiex titħeġġeġ l-integrazzjoni tal-ġodda li jsofru minn din il-kompartimentalizzazzjoni. Huwa b'mod partikolari l-għan ta' l-implimentazzjoni tal-linji ta' gwida dwar il-“flessigurtà” li għandu jħaffef it-tranżizzjoni bejn il-fażijiet differenti ta' ċiklu tal-ħajja b'flessibbiltà akbar tas-swieq tax-xogħol, il-miżuri ta' taħriġ kontinwu, il-politiki attivi tas-swieq tax-xogħol u tal-ħarsien soċjali. Se jinħtieġ l-involviment ta' numru kbir ta' parteċipanti, fuq livelli differenti ta' responsabbiltà, ħaddiema u impriżi, permezz tad-djalogu soċjali u tar-responsabbiltà soċjali ta' l-impriżi.

Ix-xjuħija demografika tistieden madankollu li tingħata importanza strateġika għaż-żieda tar-rati ta' sehem tan-nisa u l-irġiel ta' aktar minn 55 sena. Dan se jeħtieġ riformi kbar sabiex ineħħu l-inċentivi għat-tluq bikri mis-suq tax-xogħol u jħeġġu l-impjeg ta' l-anzjani. Jeħtieġ

⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għall-Ewwel pass tal-Konsultazzjoni ta' l-imsieħba soċjali dwar il-Konċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja tal-familja (SEC(2006) 1245 tat-12.10.2006).

⁸ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - *Pjan tar-rota għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010* (COM(2006)92 ta' l-1.3.2006).

ukoll li jitħares li jkun tassew possibbli li taħdem għal aktar żmien u li l-politiki pubbliċi kollha jkabbbru l-possibbiltajiet ta' impjeg tal-ħaddiema anzjani.

Ix-“xjuħija attiva” tikkostitwixxi fiha nnifisha approċċ globali u sostenibbli, li għandha tuża medda ta' għodda lil hinn mis-sempliċi riformi tal-pensjonijiet. Sabiex jiġi kkontemplat b'mod pożittiv li taħdem aktar, jeħtieġ li ma jkunx hemm preġudizzji diskriminattivi, tkun imħejji taġġorna u tivvalorizza l-ħiliet miksuba biż-żmien, tinsab mhux biss f'saħħa fiżika u mentali tajba, iżda wkoll tittama li tgħix aktar f'dan l-istat. L-Unjoni għandha għodod leġiżlattivi sabiex titħares in-nuqqas ta' diskriminazzjoni skond l-età u s-Sena Ewropea għall-opportunitajiet indaqs fl-2007 se tkun l-okkażjoni li tiġi vvalutata l-applikazzjoni mill-Istati Membri. Huma huma li jridu jiżviluppaw it-taħriġ u jsaħħu l-politiki ta' ħarsien għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa kontinwa. B'mod partikolari, kull wieħed għandu jkollu aċċess aktar faċli għat-taħriġ kontinwu, speċjalment il-ħaddiema l-anqas kwalifikati jew dawk li għandhom il-kondizzjonijiet ta' impjeg l-inqas favorevoli. Dawn l-oqsma mhumiex ġodda. Ix-xjuħija demografika taġġtihom mil-lum 'il quddiem natura ta' *investment prijoritarju għall-ġejjieni* li l-Unjoni Ewropea tappoġġja b'mod partikolari bil-programm “Edukazzjoni u Taħriġ 2010”..

Iż-żieda tal-popolazzjoni attiva se seħħ, parzjalment permezz ta' titjib tas-saħħa pubblika. L-ewwelnett, jeħtieġ li tiġi razzjonalizzata l-istruttura ta' l-għoti ta' kuri tas-sistemi tas-saħħa taġġna li ma jikkorrispondux iżjed, sikwit, mal-bżonnijiet il-ġodda. L-inizjattiva riċenti tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi qafas Komunitarji sabiex titjieb il-mobilità transkonfinali tal-pazjenti u tal-forniment ħieles tal-kuri tas-saħħa għandha tippermetti li jitwettqu ekonomiji fil-kobor u li jagħmlu parti minn din il-perspettiva. Barra minn hekk, miżuri effiċjenti ta' ħarsien għall-ġlieda kontra l-obeżità, it-tipjip, alkoħoliżmu u l-mard mentali għandu jkollhom ukoll impatt kbir fuq il-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-Ewropej, u jibbażaw, fuq il-produttività fix-xogħol u l-ispejjeż fil-ġejjieni tas-saħħa. Fit-tieletnett, l-użu akbar tat-teknoloġiji l-ġodda, bħat-tele-mediċina u s-sistemi ta' saħħa personalizzati, aċċessibbli għall-anzjani, għall-familji taġġhom u għall-persunal tal-kuri, jista' jiffavorixxi l-kontroll ta' l-ispejjeż tas-saħħa u l-benessri taċ-ċittadini. Fl-aħħar, it-tipi ta' mard wisq probabbli se jevolvu b'popolazzjoni li qiegħda tixjiegħ. Dan ma jonqosx li jqajjem mistoqsijiet ġodda rigward it-tip ta' kuri meħtieġa fil-ġejjieni.

Jekk il-fatt li taħdem wara li taqbeż is-sittin, ma jibqax bħal-lum il-prerogattiva ta' min għandu pagi għoljin u diplomi ta' livell għoli, jeħtieġ li jitnaqqsu d-differenzi ta' l-għomor tal-ħajja li jikkostitwixxu llum l-inugwaljanzi soċjali l-aktar importanti skond il-pagi u l-livell ta' edukazzjoni. L-azzjonijiet preventivi jippermettu li jiġu promossi l-istili ta' ħajja u l-kondizzjonijiet ambjentali ta' saħħa tajba, fi u barra l-ambjent tax-xogħol, għandhom minn issa 'l quddiem iwasslu għal kooperazzjoni akbar bejn il-parteċipanti tas-saħħa pubblika, ta' l-edukazzjoni, tal-mezzi tax-xandir u ta' l-organizzazzjoni tax-xogħol, sabiex jinfluwenzaw, minn qabel, l-għomor tal-ħajja f'*saħħa tajba*, li hi tassew differenti mill-għomor tal-ħajja globali u tvarja konsiderevoment skond l-Istati Membri.

Is-sehem tal-persuni ta' aktar minn 65 sena, kif ukoll dawk formalment fil-pensjoni, għall-ambjent ekonomiku u soċjali għandu jkun favorizzat, bħala opportunità offruta u mhux piż. Dan is-sehem kbir għall-attività soċjali fuq bażi volontarja se jsir skond it-termini u l-kondizzjonijiet li għad iridu jinħalqu.

L-Istati Membri huma mistiedna jieħdu l-miżuri meħtieġa, fil-qafas ta' l-impenji taġġhom meħuda fil-Kunsill Ewropew ta' Stokkolma fl-2001, biex iżidu r-rati ta' impjegi tal-ħaddiema ta' aktar minn 55 sena għal 'il fuq minn 50%Fl-okkażjoni tat-tnedija taċ-ċiklu l-

għdid ta' l-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi fl-2008, il-Kummissjoni se teżamina r-riżultati miksuba f'kull Stat għal dak li għandu x'jaqsam mar-rata ta' impjiegi ta' l-irġiel u tan-nisa ta' aktar minn 55 sena u ta' l-età li jieqfu mix-xogħol u se tagħmel rapport ta' eżempji konkreti ta' l-aħjar prassi ta' l-Istati Membri fil-promozzjoni tax-xjuħija attiva.

L-Unjoni Ewropea aċċettat li żżid is-sostenn tagħha lill-Istati Membri biex jilħqu dan l-għan, permezz ta' tisħiħ tal-Fond Soċjali Ewropew u programmi ta' taħriġ kontinwu għall-perjodu 2007-2013⁹

Il-Kummissjoni se tikkonsulta lill-parteċipanti kkonċernati rigward l-inizjattivi li għandhom jittieħdu sabiex jiġi stabbilit qafas Komunitarju li jippermetti t-titjib ta' l-offerta ta' bejn il-fruntieri tas-servizzi tas-saħħa u l-mobbiltà tal-pazjenti¹⁰.

L-Istati Membri huma mistiedna li japplikaw bis-sħiħ id-Direttiva li tikkonċerna l-ugwaljanza tat-tattament fl-impjeg u x-xogħol¹¹. Fl-2007, il-Kummissjoni se tivvaluta l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għal dak li għandu x'jaqsam mad-diskriminazzjoni msejsa fuq l-età.

3.3. Ewropa aktar produttiva u li għandha aktar suċċess

It-tielet risposta għall-isfida demografika tinsab fit-titjib tal-produttività ta' l-Ewropej fix-xogħol. Hawnhekk ukoll, l-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi tagħti d-direzzjoni t-tajba, bil-prinċipju li tagħti valur, f'kwalunkwe età, lill-kwalità u lill-produttività tax-xogħol. L-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi għal dan direttament permezz tat-tisħiħ tas-suq intern, ta' l-implimentazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni, tal-prijorità mogħtija lill-kwalità tar-regoli, b'mod partikolari għall-SMEs, kif ukoll permezz tal-politika ta' koeżjoni soċjali. B'hekk l-Istrateġija ta' Liżbona tistabbilixxi l-kondizzjonijiet meħtieġa biex tippermetti li tagħti valur għall-kompetenza, kwalità u produttività tax-xogħol għal kull età.

Ix-xjuħija tal-popolazzjoni tista' tikkostitwixxi wkoll opportunità kbira biex tiżdied il-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea. Jeħtieġ li l-parteċipanti ekonomiċi Ewropej jiġu offruti l-aħjar kondizzjonijiet biex jaħtflu l-opportunitajiet ippreżentati permezz tal-bidliet demografiki għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħolqien tas-swieq ġodda għall-beni u servizzi li jissodisfaw il-bżonnijiet ta' klijenti ixjeħ.¹² L-ewwel pass f'din id-direzzjoni se jkun ċertament li l-parteċipanti ekonomiċi jitħeġġu jinkludu l-fenomeni tax-xjuħija fl-istrateġiji ta' innovazzjoni tagħhom. Dan jikkonċerna numru ta' oqsma bħat-teknoloġiji ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni, is-servizzi finanzjarji, l-infrastrutturi tat-trasport, ta' l-enerġija u dawk turistiċi u s-servizzi lokali, b'mod partikolari s-servizzi tal-kuri fit-tul. F'dawn is-setturi kollha, l-Unjoni Ewropea tista' tikkompleta jew iżżid l-isforzi ta' antiċipazzjoni ta' l-Istati Membri.

⁹ Regolament (KE) 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fondi Soċjali Ewropej u proposti ta' deċiżjoni li jistabbilixxu programm ta' azzjoni integrat fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ kontinwu (COM (2004)474 ta' l-14.7.2006).

¹⁰ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Konsultazzjoni rigward azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-servizzi ta' saħħa (SEC(2006) ///1195 tas-26.9.2006).

¹¹ Direttiva 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-tattament fl-impjeg u fix-xogħol.

¹² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “*L-użu ta' l-għarfien: strateġija ta' innovazzjoni mkabbra għall-UE*” COM, (2006) 502 tat-13.9.2006).

Il-Kummissjoni se tadotta sa l-aħħar ta' l-2008, komunikazzjoni li tipproponi mogħdijiet biex tqis aħjar il-bżonnijiet ta' populazzjoni li qiegħda tixjieħ fl-oqsma bħall-bidla tat-territorju, l-ambjent jew l-aċċess għat-teknoloġiji ġodda. Hi se tagħti attenzjoni privileġġjata lill-kondizzjonijiet ta' l-iżvilupp ta' għoti ta' kuri addattati għall-bżonnijiet tal-persuni dipendenti u tal-familja tagħhom u lir-rwol tal-fondi strutturali għal dan l-effett.

3.4. Ewropa organizzata biex tirċievi u tintegra lill-immigranti

Għandna nkunu ċari: tul il-15 sa 20 sena li jmiss, l-Ewropa se tissokta tirċievi immigrazzjoni netta importanti. Dan għall-bidu jaqdi l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol Ewropew li għandu jiġbed ħidma ta' l-idejn esterna kwalifikata. Il-bżonnijiet esterni f'ħidma ta' l-idejn mhux kwalifikata jibqgħu wkoll importanti ħafna. L-attrazzjoni tat-territorju Ewropew ma tistax tiġi injorata, minħabba l-prosperità relattiva tiegħu, l-istabbiltà politika, għat-talbiet ta' unjoni mill-ġdid tal-familja min-naħa ta' l-immigranti li waslu m' ilux u għad-dinamiżmu tat-tkabbir tal-popolazzjoni ta' reġjuni relattivament foqra fl-inħawi tagħna. Dawn il-fatturi differenti għandhom jiġu kkonċiljati aħjar billi tiġi organizzata l-immigrazzjoni legali u korrelattivament l-integrazzjoni ta' persuni li ġew mill-immigrazzjoni, filwaqt li jitħarsu l-bżonnijiet tal-pajjiżi ta' oriġini.

Il-politiki nazzjonali ta' l-immigrazzjoni minn pajjiżi terzi mhumiex omoġeni. F'ċerti pajjiżi, il-flussi legali huma limitati u l-immigrazzjoni illegali tibqa' ftit jew wisq imrażżna; f'pajjiżi oħra, ir-regolarizzazzjoni enormi ta' dawn l-aħħar snin ippermettew li jiġu legalizzati eluf ta' immigranti li jgħixu hemm u jaħdmu b'mod regolari. Dawn id-differenzi jirriflettu, lil hinn mid-differenzi fuq is-suq tax-xogħol, id-diffikultajiet dejjem akbar ta' l-integrazzjoni ekonomika u soċjali ta' l-immigranti fil-pajjiżi ta' immigrazzjoni qadima. Fil-medda ta' żmien twila, dawn id-differenzi mhumiex sostenibbli, f'Unjoni li fi hdnha tipprattika l-moviment ħieles tal-ħaddiema u li s-suq intern tax-xogħol tagħha kull ma jmur jingħaqad iżjed. Hija wkoll l-Unjoni, li permezz tal-piż internazzjonali tagħha, ir-rwol kummerċjali tagħha u r-relazzjoni tagħha ta' kooperazzjoni globali ma' l-entitajiet il-kbar Mediterranji, Afrikani u Latino-amerikani jistgħu jimpjegaw l-imsieħba indispensabbli għat-tmexxija tal-flussi ta' immigrazzjoni, kundizzjoni tas-suċċess tal-politiki ta' immigrazzjoni. L-Unjoni, imsejsa fuq in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-ħarsien tad-differenzi, għandha tiddjaloga ma' l-opinjoni pubbliċi biex tiġġieled kontra l-preġudizzji, tindika l-ostakoli ġenwini li għandhom jingħelbu, tfakkar ukoll l-għana fid-diversità¹³.

Huwa għalhekk li, llum, l-Unjoni hi impenjata ma' l-Istati Membri fl-iżvilupp ta' elementi ta' politika komuni ta' immigrazzjoni legali¹⁴, maħsuba b'mod partikolari għall-immigrazzjoni għall-fini ta' l-impjieg biex jissodisfaw il-bżonnijiet f'ċerti setturi tas-suq tax-xogħol. Din il-politika għandha tiġi kkompletata permezz ta' tisħiħ tal-politiki ta' integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi¹⁵ permezz ta' mezzi finanzjarji akbar, u permezz tal-bidu qalil tas-sħubiji mal-pajjiżi ta' emigrazzjoni.

¹³ Ara r-riżultati ta' l-Eurobarometer 64, ippubblikat f'Diċembru 2005, u 65, ippubblikat f'Ġunju 2006 dwar l-opinjoni pubblika u l-migrazzjonijiet.

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Programm ta' azzjoni rigward l-immigrazzjoni legali" COM(2005)669 tal-21.12.2005).

¹⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Programm komuni għall-integrazzjoni – Qafas li jikkonċerna l-integrazzjoni taċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi fl-Unjoni Ewropea", ta' Settembru 2005 (COM(2005) 389 ta' l-1.9.2005).

Fl-istess ħin, fuq il-pjan ta' mobbiltà interna ta' ċittadini Komunitarji, titkompla t-tranżizzjoni lejn il-moviment liberu sħiħ tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni ta' 27, sa l-2014. Din il-mobbiltà interna tikkontribwixxi għat-tneħħija ta' l-iżbilanċi tas-swieq tax-xogħol fl-Ewropa u għandha titqies fid-dawl tal-politiki ta' immigrazzjoni.

Il-Programm ta' The Hague ta' l-2004 wassal għal "Pjan ta' azzjoni politika dwar il-migrazzjoni legali" u ispira l-waqfien ta' Fond Ewropew għall-Integrazzjoni. Dawn l-istrumenti jistgħu jsostnu azzjonijiet oħrajn fuq il-livelli kollha biex jiffavorixxu l-integrazzjoni tal-migranti legali.

Il-Kummissjoni se tkompli tħejji l-inizjattivi tagħha biex tiffavorixxi l-integrazzjoni tal-migranti, u b'mod partikolari r-riflessjonijiet impenjati ma' l-Istati Membri dwar ix-xkiel fl-integrazzjoni tagħhom, għarfien aħjar tal-karatteristiċi tagħhom, il-perċezzjonijiet tagħhom, u l-politiki ta' implimentazzjoni. Tul is-sena 2009, il-Kummissjoni se tivvaluta l-opportunità li tipproponi miżuri ġodda li għandhom x'jaqsmu ma' l-immigrazzjoni ekonomika, b'kunsiderazzjoni tal-bżonnijiet tas-suq ta' l-impjiegi, u tagħmel sommarju tal-qagħda tal-progress miksub għal dak li għandu x'jaqsam mal-mobbiltà interna.

3.5. Ewropa għall-finanzi pubbliċi vijabbli; garanzija ta' ħarsien soċjali xieraq u ta' l-ekwità bejn il-ġenerazzjonijiet

F'bosta Stati Membri, il-finanzi pubbliċi mhumiex sostenibbli bil-politiki attwali. Jinħtieġ sforz sostenibbli ta' konsolidazzjoni baġitarja. Iż-żieda tar-rata ta' parteċipazzjoni għall-impjiegi tikkostitwixxi mezz effiċjenti li għandhom il-gvernijiet biex iżidu d-dħul tagħhom u jħabbtu wiċċhom ma' l-ispejjeż marbuta max-xjuħija mingħajr ma jżidu t-taxxa. Madankollu jinħtieġ sforz sostenibbli ta' konsolidazzjoni baġitarja, b'bilanċ xieraq skond l-Istat Membru bejn it-tnaqqis ta' l-ispejjeż u ż-żieda tat-taxxi. Jeħtieġ li jiġi evitat il-fatt li jitnaqqsu l-ispejjeż pubbliċi tal-ġejjieni, bħall-infrastrutturi, l-edukazzjoni u r-riċerka, indispensabbli f'livell għoli ta' produttività u għalhekk għal futur ekonomiku dejjem ikbar.

Ir-riformi riċenti tal-pensjonijiet f'bosta pajjiżi se jippermettu li jitnaqqas sensibbilment l-iżbilanċ finanzjarju tas-sistemi tal-pensjonijiet. Madankollu, riformi supplimentari jistgħu jkunu ta' ħtieġa f'ċerti pajjiżi, li jimmiraw b'mod partikolari li jevitaw it-tluq bikri mis-suq tax-xogħol, iżidu l-età ta' waqfien definittiv mix-xogħol, joffru lill-anzjani inċentivi finanzjarji biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol, u jippermettu lill-individwi li jikkompletaw id-dħul tagħhom tal-pensjoni b'pensjonijiet komplimentari, filwaq li jiżguraw bilanċ aħjar bejn il-benefiċċji u l-kontribuzzjonijiet ta' individwu.

Qegħdin jifacċaw sfidi ġodda marbuta ma' l-iżvilupp tat-tfaddil privat u tas-sistemi ffinanzjati. Dawn huma marbuta, pereżempju, mal-kopertura ta' dawn is-sistemi, mal-livell tal-kontribuzzjonijiet u mar- rwol dejjem akbar tal-fondi tal-pensjoni, li jqajmu min-naħa tagħhom mistoqsijiet ta' trasparenza u ta' kwalità ta' superviżjoni. F'dan il-kuntest huwa ta' importanza kruċjali, li jiġu promossi s-swieq finanzjarji effikaċji kif ukoll il-kondizzjonijiet ta' stabbiltà u ta' sigurtà li jippermettu lill-individwi li jfaddlu u jinvestu. Il-gvernijiet għandhom jiffavorixxu l-ħolqien ta' medda biżżejjed u varjata ta' strumenti finanzjarji. Il-ġabra tat-tfaddil u tal-kapital privat għandha tkun iffavorita wkoll sabiex il-persuni jkunu jistgħu jiffissaw, b'aktar awtonomija, il-livell ta' dħul li jixtiequ li jkollhom tul iż-żmien ta' pensjoni tagħhom. Se jinħtieġ sforz ta' komunikazzjoni u ta' edukazzjoni finanzjarja biex jgħinu lill-individwi jaddattaw rwieħhom għaċ-ċirkostanzi l-ġodda.

Fiż-żmien ta' din il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni tadotta rapport li janalizza l-vijabbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, imsejjes fuq it-tbassir demografiku sa l-2050 u fuq l-istrateġiji finanzjarji mressqa mill-Istati Membri fil-Programmi tagħhom ta' Konverġenza u ta' Stabbiltà 2005.

4. KONKLUŻJONI: IL-BIDLA TA' SFIDA F'OPPORTUNITÀ

Ix-xjuħija tal-popolazzjonijiet Ewropej hi l-konsegwenza inevitabli ta' l-iżviluppi fundamentali pożittivi tagħhom: iż-żieda fl-għomor tal-ħajja, sikwit f'saħħa tajba, għażla aktar faċli fuq il-fatt ikollokx it-tfal u meta, meħuda minn nisa aktar u aktar mgħallma u li għandhom aċċess faċli għas-suq tax-xogħol. Madankollu, dawn it-tibdiliet demografiċi u soċjo-ekonomiċi profondi jobbligaw riforma ta' l-istituzzjonijiet attwali kemm għal raġunijiet ta' effiċjenza ekonomika kif ukoll ta' ekwità soċjali.

Il-politiki attwali tagħna mhumiex vijabbli għal medda ta' żmien twila, sakemm huma ma jippermettux li tiffaċċja t-tnaqqis mistenni ta' għadd ta' persuni attivi u l-perspettivi ta' żieda mhux mistennija tal-finanzi pubbliċi. Il-qalba tal-problema mhix iż-żieda fit-tul tal-ħajja. Tinsab pjuttost fl-inkapaċità tal-politiki attwali li jaddattaw ruħhom għal tagħrif demografiku ġdid u minħabba li l-impriżi u ċ-ċittadini joqogħdu lura milli jimmodifikaw l-istenniji u l-imġiba tagħhom, b'mod partikolari fuq is-suq tax-xogħol. Fi ftit kliem, l-Ewropa tħabbat wiċċha aktar ma' problema ta' pensjoni milli problema tax-xjuħija.

Ovvjament, huma l-Istati Membri li għandhom isibu t-tweġibiet konkreti għall-isfida demografika. L-esperjenza riċenti f'dan ir-rigward tqawwilna qalbna peress li l-ewwel riformi li kellhom x'jaqsmu mal-pensjoni bdew jagħtu l-frott. L-isfida mhix impossibbli jekk nagħmlu użu tajjeb tal-perjodu qasir ta' opportunità ta' madwar għaxar snin li għandna f'idejna.

Dawn ir-riformi jagħmlu parti wkoll mill-qafas Ewropew diġà applikat f'waqtu u b'tenaċità, permezz ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, il-Patt ta' l-Istabbiltà u t-Tkabbir, l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Metodu miftuħ ta' koordinazzjoni għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien u l-inklużjoni soċjali.

Issa, din mhix kwistjoni ta' implimentazzjoni ta' proċess ġdid ta' koordinazzjoni Ewropea. Għandna nimpenjaw ruħna biex insegwu u nqawwu l-isforzi tagħhna, filwaqt li nassiguraw kunsiderazzjoni tajba tad-dimensjonijiet multipli u kumplessi tal-kwistjoni demografika globali u kull waħda mill-politiki tagħhna, fuq livell nazzjonali u fuq livell Komunitarju.

Din il-komunikazzjoni tiżviluppa f'dan ir-rigward qafas ta' referenza fuq livell Komunitarju għal dawn il-politiki mill-Istati Membri. Il-qafas jispeċifika ħames setturi li jwieġbu għal perspettiva komuni, dik tal-kunfidenza misjuba:

- Ewropa li tiffavorixxi t-tiġdid demografiku
- Ewropa li tagħti valur lix-xogħol: aktar impjiegi u ħajja attiva itwal u ta' kwalità
- Ewropa aktar produttiva u effiċjenti
- Ewropa organizzata li tirċievi u tintegra l-migranti

- Ewropa b'finanzi pubbliċi vijabbli: li tagħti garanzija ta' ħarsien soċjali xieraq u ta' ekwità bejn il-ġenerazzjonijiet

Il-politiki Komunitarji u nazzjonali għandhom ikunu addattati għall-isfida demografika deskritta f'din il-komunikazzjoni. Il-politiki Ewropej, kif ukoll dawk tal-Kummissjoni, jeħtieġu jiġu vvalutati mill-ġdid sabiex l-isfida demografika tkun integrata fl-għażliet politiċi tal-ġejjieni. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsilli settorjali u l-Komitati settorjali fil-Parlament Ewropew jivvalutaw l-impatt tal-bidla demografika fil-qasam tal-politiki li huma responsabbli għalihom.

Kunfidenza fil-ġejjieni fit-tul li għandha tinbena llum fuq is-sehem fl-attività ta' l-irġiel u tan-nisa, tal-produttività u tar-rendiment. Din l-istess kunfidenza li se tikkontribwixxi wkoll sabiex l-Ewropej ikunu jistgħu jsawru, mal-migranti, bħalissa u tal-ġejjieni, relazzjoni mżewġa msejsa fuq ir-rispett reċiproku.

L-iffaċċjar ta' l-isfida demografika hi ħidma twila għalina lkoll. Il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet hu suġġett għall-forum demografiku Ewropew biannwali li ser iseħħ għall-ewwel darba f'Ottubru 2006. L-effeti ta' l-inizjattivi mħabbra minn din il-komunikazzjoni sa l-2009 kif ukoll it-tagħlim tal-Forum, kull sentejn, se jimlew kapitlu tar-Rapport annwali ta' Progress (Proċess ta' Liżbona) iddedikat lill-istat ta' tħejjija ta' l-Unjoni għaż-żieda tat-tul tal-ħajja.

5. APPENDIX: MAIN EUROPEAN DEMOGRAPHIC TRENDS AND DATA

Projections – EU25

Projections for EU's population trend 2005-2050				
<i>in thousands</i>	2005-2050	2005-2010	2010-2030	2030-2050
Total population	-8659	5563	5312	-19534
<i>Percentage change</i>	<i>-1,9%</i>	<i>1,2%</i>	<i>1,1%</i>	<i>4,2%</i>
Children (0-14)	-13811	-2304	-6080	-5427
<i>Percentage change</i>	<i>-18,6%</i>	<i>-3,1%</i>	<i>-8,5%</i>	<i>-8,2%</i>
Young people (15-24)	-14035	-2383	-6663	-4990
<i>Percentage change</i>	<i>-24,3%</i>	<i>-4,1%</i>	<i>-12,0%</i>	<i>-10,2%</i>
Young adults (25-39)	-24867	-3896	-14883	-6088
<i>Percentage change</i>	<i>-25,0%</i>	<i>-3,9%</i>	<i>-15,6%</i>	<i>-7,5%</i>
Adults (40-54)	-18666	4116	-10029	-12754
<i>Percentage change</i>	<i>-19,0%</i>	<i>4,1%</i>	<i>-9,8%</i>	<i>-13,8%</i>
Older workers (55-64)	4721	4973	8717	-8969
<i>Percentage change</i>	<i>9,1%</i>	<i>9,5%</i>	<i>15,3%</i>	<i>-13,6%</i>
Elderly people (65-79)	25688	1947	22281	1460
<i>Percentage change</i>	<i>44,5%</i>	<i>3,4%</i>	<i>37,3%</i>	<i>1,8%</i>
Frail elderly (80+)	32311	3109	11969	17233
<i>Percentage change</i>	<i>171,6%</i>	<i>16,5%</i>	<i>54,0%</i>	<i>50,8%</i>
Source : EUROSTAT, 2004				

Projections by country

	Population ¹		Fertility ²		Life expectancy ³				Natural Increase ⁴		Net Migration ⁵		Old Age Dependency ⁶	
	2005	2050	2004	2050	Men		Women		2004	2050	2004	2050	2004	2050
					2004	2050	2004	2050						
EU25	459,5	449,8	1,5	1,6	73,7	80,5	80,4	85,6	211	-48351	1464	39710	24,5	52,8
BE	10,4	10,9	1,6	1,7	75,5	82,3	81,6	88,3	5	-405	24	897	26,1	48,1
CZ	10,2	8,9	1,2	1,5	72,4	79,7	78,8	84,1	-18	-2010	4	647	19,7	54,8
DK	5,4	5,4	1,8	1,8	75,2	80,9	79,6	83,7	6	-302	8	323	22,5	40,0
DE	82,5	74,6	1,4	1,5	76,1	82,0	81,7	86,8	-143	-17311	211	8980	26,8	55,8
EE	1,3	1,1	1,4	1,6	65,5	74,9	76,9	83,1	-5	-248	1	19	23,8	43,1
EL	11,1	10,6	1,3	1,5	76,4	80,3	81,4	85,1	-1	-2207	43	1743	26,4	58,8
ES	43,0	42,8	1,3	1,4	76,6	81,4	83,4	87,9	67	-6007	508	6235	24,6	67,5
FR⁷	60,6	65,7	1,9	1,9	76,2	82,7	83,4	89,1	219	2919	64	2823	25,2	47,9
IE	4,1	5,5	2,0	1,8	75,5	82,4	80,7	87,0	33	814	16	645	16,4	45,3
IT	58,5	52,7	1,3	1,4	77,3	83,6	83,2	88,8	-29	-11278	330	5777	28,9	66,0
CY	0,7	1,0	1,5	1,5	76,3	81,9	80,8	85,1	3	8	6	238	17,5	43,2
LV	2,3	1,9	1,3	1,6	64,9	74,3	76,2	82,5	-12	-484	-2	30	23,6	44,1
LT	3,4	2,9	1,3	1,6	66,5	75,5	77,6	83,7	-11	-606	-6	28	22,3	44,9
LU	0,5	0,6	1,7	1,8	75,0	81,6	81,4	86,7	2	63	3	131	21,0	36,1
HU	10,1	8,9	1,3	1,6	68,5	78,1	76,8	83,4	-36	-2029	15	795	22,6	48,3
MT	0,4	0,5	1,7	1,6	76,2	81,8	80,7	85,0	1	-4	3	113	19,0	40,6
NL	16,3	17,4	1,8	1,8	76,2	80,2	80,8	83,6	52	-358	21	1480	20,5	38,6
AT	8,2	8,2	1,4	1,4	76,2	83,6	82,1	87,7	1	-912	25	985	22,8	53,2
PL	38,2	33,7	1,2	1,5	70,5	79,1	78,5	84,4	-26	-5022	-28	318	18,6	51,0
PT	10,5	10,0	1,5	1,6	74,2	80,4	81,0	86,6	7	-1326	42	808	24,9	58,1
SI	2,0	1,9	1,2	1,5	72,6	79,8	80,2	85,1	-3	-390	6	287	21,4	55,6
SK	5,4	4,7	1,2	1,6	69,7	77,7	77,8	83,4	-2	-781	-2	109	16,3	50,6
FI	5,2	5,2	1,8	1,8	75,3	81,9	81,9	86,5	7	-303	6	288	23,3	46,7
SE	9,0	10,2	1,7	1,9	78,1	83,3	82,4	86,5	6	171	28	1069	26,4	40,9
UK	60,0	64,3	1,7	1,8	76,4	82,9	80,9	86,6	89	-343	139	4939	24,3	45,3


Source: EUROSTAT, 2004

Notes:


- 1 Population in million on January 1st (2050: trend scenario)
- 2 Number of children per woman (2004: estimate; 2050: trend scenario)
- 3 Life expectancy at birth in years (2050: trend scenario)
- 4 Difference between the number of live births and the number of deaths (2004: estimated annual Flow, 2050: cumulative net migration between 2004 and 2050)
- 5 Estimation of net migration in thousands (2004: estimated annual flow, 2050: cumulative net migration between 2004 and 2050)
- 6 Number of people aged 65+ as percentage of people aged 15-64 (2050: trend scenario)
- 7 France: Metropolitan France (excluding overseas territories)

Life expectancy at birth

Life Expectancy 1960-2050, Females




Life Expectancy 1960-2050, Males



Source: Eurostat 2004 Demographic Projections (Baseline scenario)

Employment rate of older workers


Employment Rate of Older Workers, 55-64 Years (2005)



Source: Eurostat, Labour Force Survey


Fertility and female employment rates

Female Employment Rates (15-64) and Total Fertility Rates 2004



Source: Eurostat, Labour Force Survey and National data

Net migration rate vs. natural population growth



Source: Eurostat. Figures exclude intra-EU flows and comprise regularisations of previously undeclared migrants